



Fuljett tal-proġett GenCAD

L-isfond u l-għanijiet

Il-proġett tal-GenCAD kellu l-għan li jtejjeb l-għarfien u l-kuxjenza dwar id-differenzi bejn is-sess u l-ġeneru f'mard kroniku billi juża l-mard tal-arterji koronarji (CAD) bħala eżempju biex jenfasizza d-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel fil-prevenzjoni u t-trattament f'pajjiżi Ewropej. B'mod aktar speċifiku, huwa mmirat illi:

- Itejjeb l-għarfien: (fil-pdf tista' issib 'I' qabel l-isem) GENCAD immuntat l-għarfien eżistenti dwar id-differenzi tal-ġeneru fil-CAD u analizzat l-inklużjoni tal-aspetti tal-ġeneru fid-databases u fil-politika.
- Itejjeb il-kuxjenza: GenCAD wettqet studju dwar il-kuxjenza tal-professjonisti tas-saħħa u l-popolazzjoni ġenerali u użat dan l-għarfien sabiex tiżviluppa skedi informattivi fuq il-ġeneru fil-CAD sabiex itejjeb l-għarfien u l-kuxjenza fl-Ewropa.
- Tixrid: GenCAD ippreżentat fatti u skemi informattivi f'żewġ konferenzi, fuq l-internet u permezz ta' metodi oħra ta' tixrid sabiex tagħlaq id-distakk bejn l-għarfien dwar il-ġeneru u t-traduzzjoni għat-tobba, għall-dawk li jfassru l-politika u għall-pubbliku in ġenerali f'qasam eżemplari.

Metodi

GenCAD żviluppa approċċ metodoloġiku sabiex itejjeb l-għarfien u l-kuxjenza fil-qasam tal-mard kroniku relatat mal-ġeneru fl-Istati Membri Ewropej li jista' jintuża bħala mudell għall-mard kroniku ieħor.

GenCAD l-ewwel immuntat f'livell ta' studju għoli, l-għarfien eżistenti dwar id-differenzi bejn is-sessi fil-mard tal-arterji koronarji (CAD) ibbażat fuq il-letteratura ppubblikata fl-aħħar 15-il sena minn madwar id-dinja. Fittxet litteratura ppubblikata fl-oqsma tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, l-epidemjoloġija, mekkaniżmi tal-mard, sintomi kliniċi u dijanjosi, ġestjoni, kif ukoll riżultati, bl-użu ta' CAD bħala paradigma għall-mard kroniku ieħor.

Analiżi tad-databases Ewropej eżistenti kellha l-għan li tittestja sa liema grad ir-reġistri tal-UE huma biżżejjed biex janalizzaw id-differenzi bejn il-ġeneru fil-CAD. GenCAD analizza databases pubbliċi mill-Istati Membri tal-UE għal-morbidità u mortalità tad-CAD, ikkonnetja d-data ma' fatturi magħrufa ta' riskju u parametri soċjoekonomiċi u vverifika d-data għas-sensittività tagħhom biex jevalwaw id-differenzi bejn is-sess u l-ġeneru.

Biex tikseb ħarsa ġenerali dwar il-ġeneru fil-politika tas-saħħa tal-UE, il-GENCAD eżamina l-klima politika attwali ta' politika eżistenti dwar il-ġeneru u CAD billi kkuntattja dipartimenti tal-kura tas-saħħa governattivi, soċjetajiet nazzjonali tas-saħħa medika u pubbliċi, aġenziji ta' finanzjament, riċerkaturi attivi u tfittix fuq l-

internet. Biex issir valutazzjoni tal-ħtieġa għal informazzjoni dwar id-differenzi bejn is-sess u l-ġeneru fil-CAD, sar studju ta' kuxjenza permezz ta' żewġ sħarriġ - wieħed għall-pubbliku ġenerali u ieħor għall-professjonisti tas-saħħa.

Fuq il-bażi tad-differenzi bejn is-sess u l-ġeneru identifikati fl-istudju ta' livell għoli mwettaq, ġew żviluppanti skedi informattivi kemm għall-professjonisti tas-saħħa kif ukoll għall-pubbliku ġenerali, li integraw ir-rispons mill-imsieħba tal-konsorzju u netwerks estiżi ta' GenCAD. Dawn ġew ivalidati ma' gruppi ta' esperti għal ftehim ġenerali u ġew iffinalizzati f'diskussjonijiet mad-DĠ tas-Saħħa u Sigurtà fl-Ikel u jistgħu jinstabu taħt:<http://gencad.eu>

Għat-tixrid, ġew organizzati 2 konferenzi GENCAD, simpożji u preżentazzjonijiet tal-proġett f'laqgħat oħra, f'bulletin, fil-paġni ewlenin ta' soċjetajiet mediċi, u fuq Facebook u Twitter. Ġiet żviluppata paġna ewlenija mid-DĠ għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel fejn jiġu ppubblikati r-riżultati ewlenin.

Finalment, GenCAD qed ixerred wkoll il-proġett fil-midja soċjali biex jilħaq udjenzi speċifiċi. Aħna ser nimmiraw gruppi rilevanti f'kull stat membru, inkluż il-pubbliku ġenerali fi gruppi ta' etajiet differenti, jew professjonisti tas-saħħa, fost oħrajn. GenCAD jipprova approċċ li jista' jiġi trasferit għal-oqsma u mard ieħor fil-futur.

Riżultati

Studju tal-għola livell

Madwar 1000 artiklu nġabru u ġew riveduti fid-dettall. Differenzi sinifikanti bejn is-sessi li jeħtieġu konsiderazzjoni nstabu fl-oqsma kollha. Per eżempju, id-dijabete u t-tipjip għandhom jingħataw iktar importanza bħala fatturi ta' riskju fin-nisa milli fl-irġiel. Barra minn hekk, qed joħorġu fatturi oħra ta' riskju: saħħa mentali, l-istatus soċjoekonomiku, mard awtoimmuni u infjammatorju, u disturbi fl-ormoni sesswali u il-funzjoni sesswali. L-irġiel jiżviluppaw aktar faċilment u aktar kmieni fiż-żmien l-aterosklerożi ta' arterji koronarji kbar, in-nisa spiss jiġu affettwati minn disturbi fil-funzjoni tal-vini ż-żgħar. In-nuqqas ta' għarfien tan-nisa u t-tobba tagħhom għada waħda mill-aktar problemi li tillimita ir-reazzjoni mgħaġġla f'każ ta' sindromi koronarji akuti u r-rieda li tittieħed azzjoni fil-prevenzjoni. Ħafna mediċina kardjovaskulari taġixxi b'mod differenti fin-nisa u l-irġiel. Aktar differenzi bejn is-sessi rriżultaw fid-dijanjożi, fit-tweġibiet u r-riżultati tat-trattament.

Analiżi tad-database

Il-biċċa l-kbira tad-databases għandhom sensitività limitata għall-analiżi tad-differenzi bejn is-sess u l-ġeneru. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu li jkollhom punt ta' waqfien pjuttost baxx għall-inklużjoni, u varjabbli bħat-tipjip, dijabete, pressjoni għolja, iperlipidimja, użu ta' alkoħol, li ma kinux dejjem imqasma skond is-sess. Il-kovarijari relatati mal-ġeneru, kumplikazzjonijiet relatati mat-tqala, l-istatus ormonali u l-funzjoni sesswali ta' spiss mhumiex inklużi fid-databases. L-esperti jaqblu li huma jkunu lesti li jistudjaw l-effetti relatati mal-ġeneru, iżda f'ħafna studji ma tinġabarx biżżejjed *data* minħabba għarfien limitat u/jew riżorsi.

Analiżi tal-politika

B'mod ġenerali, 273 politika u linji gwida ġew identifikati fis-27 Stat Membru tal-UE li għamlu referenza speċifika għall-ġeneru, jew bħala parti mil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru jew fir-rigward tal-mard kardjovaskulari, iżda ftit rakkomandazzjonijiet speċifi instabu. Għalhekk, il-konklużjonijiet ġenerali minn din l-analiżi huma li għall-Istati Membri kollha tal-UE hemm ambjent politiku li għandu jiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneru u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni a bażi tas-sess u hemm korp ta' rakkomandazzjonijiet dejjem jikber minn organizzazzjonijiet ewlenin tas-saħħa li jappoġġjaw aktar kura tas-saħħa sensitiva tal-ġeneru. Fuq livell dokumentali, hemm bosta politika li tirreferi għall-linji gwida ta' prattika klinika tas-Soċjeta Ewropea tal-Kardjoloġija, liema referenzi jagħmlu l-irwol tagħhom biex jiżguraw il-kura sensitiva tal-ġeneru importanti ħafna.


Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet

L-istudju dwar il-kuxjenza tal-pubbliku f'6 lingwi tal-UE għall-pajjiżi magħżula żvela nuqqasijiet importanti fil-għarfien u l-kuxjenza tal-aspetti tal-ġeneru f'fatturi ta' riskji, f'manifestazzjonijiet ta' mard, fil-ħtiġijiet ta' azzjoni u informazzjoni dwar riżultati ta' mard. L-istħarriġ tal-professjonisti tas-saħħa fil-pajjiżi kollha Ewropej żvelaw ukoll żbilanċ importanti fil-għarfien fuq manifestazzjonijiet tal-mard li huwa speċifiku għall-ġeneru, dijanjostiċi u approċċi terapewtiċi. Aktar kampanji ta' informazzjoni speċifika fuq il-ġeneru għat-tobba u l-pubbliku in ġenerali huma neċessarji u l-internet irriżulta li huwa l-mezz ewlieni għal- dan.

Skedi tal-fatti

Skedi tal-fatti f'24 lingwi jgħaqqdu l-għarfien dwar id-differenzi bejn il-ġeneru fil-prevenzjoni, fil-manifestazzjoni klinika, fil-mekkaniżmi tal-mard, fid-dijanjożi, fir-rispons għal-terapiji u r-riżultati għall-pubbliku ġenerali u professjonisti tal-kura tas-saħħa.

Il-verżjoni kollha fit-24 lingwi uffiċjali tal-istati Membri jistgħu jinstabu hawn taħt https://ec.europa.eu/health/social_determinants/projects/ep_funded_projects_en#fragment3



Tixrid

F'kull waħda miż-żewġ konferenzi, madwar 80 parteċipant, 2 minn kull Stat Membru, iddiskutew id-differenzi bejn il-ġeneru fil-letteratura ppubblikata, fil-preżentazzjoni tagħhom, f'databases u fil-politika u finalment fil-istudju dwar l-għarfien u l-iskedi informattivi.

Għat-tixrid tar-riżultati tal-proġett b'mod sostenibbli għal-udjenza akbar, l-informazzjoni tal-proġett u l-iskedi tal-fatti huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali ta' kull Stat Membru tal-UE fil-paġna ewlenija tad-DĠ tas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ikel:

https://ec.europa.eu/health/social_determinants/projects/ep_funded_projects_en#fragment3

Barra minn hekk, l-iskedi tal-fatti u r-riżultati tal-proġett huma mħabbra u kkomunikati fil-paġni tal-imsieħba u s-soċjetajiet mediċi, EUPHA, ASPHER, European Heart Net, CPME, Soċjeta' tal-Ġeneru tal-Mediċina Internazzjonali/Taljana/Awstrijakk/Olandiża/ Ġappuniża/ Ġermaniża u oħrajn. Huma ġew ippreżentati u ser jiġu wkoll diskussi fil-kongressi ewlenin Ewropej: EUPHA 2015, IGM 2015, OSSD 2016, ECIM 2017, EUPHA 2017, konferenza tal-istudenti Ewropej 2017 u 2018, OSSD 2017, is-summit tas-Saħħa Dinjija 2017 u 2018, EUROPREVENT 2018, IGM 2019; is-Summit tal-Ġeneru 2017 u l-2018, u se jkunu ppreżentati f'ħafna oħrajn.

Ġew mibgħuta bullettini li fihom stqarrijiet qosra għall-istampa flimkien ma' dettalji tal-proġett għal-firxa wiesgħa ta' gruppi mmirati, inklużi l-partijiet Ewropej identifikati interessati fil-mediċina tal-ġeneru. L-imsieħba kollha jikkontribwixxu biex jilħqu l-udjenzi speċifiċi tagħhom u fil-'lay media' minn gazzetti lokali u nazzjonali.

Peress li l-midja soċjali għandha potenzjali kbir sabiex tilħaq lill-pubbliku ġenerali u lill-organizzazzjonijiet tas-saħħa u dawk mediċi flimkien mas-segwaċi tagħhom, qed nagħmlu użu permezz ta' tweets b'dikjarazzjonijiet ta' tagħrif u stabbilixxena fan page fuq Facebook. Qegħdin nagħmlu wkoll kampanji ta' reklamar speċifiċi fuq Facebook, twitter u YouTube biex nilħqu kull stat membru u nindirizzaw l-udjenza lokali, b'attenzjoni lill-gruppi speċifiċi.

© L-Unjoni Ewropea, 2017

Imsieħba tal-proġett GenCAD: Institute of Gender in Medicine, Berlin School of Public Health, Andalusian School of Public Health, European Public Health Association, Institute of Health and Wellbeing, Radboud University Medical Centre, European Association for Cardiovascular Prevention & Rehabilitation.

Pilot Projects hija inizjattiva "ta' natura sperimentali mfassla biex tipprova l-vijabbiltà ta' azzjoni u l-utilità tagħha" u tippermetti approprjazzjonijiet biex tkun tista' tiddaħħal fil-baġit tal-UE għal aktar minn sentejn finanzjarji konsekuttivi.

Għal kull riproduzzjoni ta' testi jew ritratti li mhuwiex taħt © L-Unjoni Ewropea, għandu jinkiseb il-permess dirett mid-detenturi tad-dritt tal-awtur: Shutterstock.de, iStock.de.

L-informazzjoni u l-opinjoni mogħtija f'din il-pubblikazzjoni huma dawk tal-awturi (il-konsorzju GenCAD) u mhux neċessarjament jirriflettu l-fehma uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma tagħtiz garanzija dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni inkluża f'din il-pubblikazzjoni. La l-Kummissjoni u lanqas kwalunkwe persuna li tagħixxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li jinsab hawn.

Dan id-dokument ġie emendat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-Ikel.